*- SPOLL-*

- *AFFIDAVIT –*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis it-30 ta' Mejju 2002**

**Kawza Numru: 43**
**Citazzjoni Numru: 658/98/RCP**

**Paul Zammit**

**vs**

**Joseph u Victor Zammit u s-socjeta MIRA Holdings Limited**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi s-socjeta` MIRA Holdings Limited hi proprijetarja tal-fond 148r, Rue D' Argens, Msida kif ukoll tal-fond 148, Rue D' Argens, Msida.

Illi l-attur hu flimkien mal-konvenuti Joseph u Victor Zammit *shareholder* fis-socjeta` MIRA Holdings Limited.

Illi l-attur kien jirrisjedi fil-fond 148r, Rue D' Argens, Msida, go liema fond izomm xi effetti personali tieghu, elenku ta' liema oggetti jinsab hawn anness u mmarkat Dokument "A".

Illi fil-lejl ta' bejn it-23 u l-24 ta' Marzu 1998 il-konvenuti jew persuni nkarigati minnhom dahlu fil-fond *de quo* minghajr l-gharfien u kontra r-rieda tal-attur u sussegwentement ma hallewx lill-attur jidhol fil-fond in kwistjoni u jaccedi ghall-effetti personali tieghu.

Illi ghaldaqstant il-konvenuti kkommettew spoll klandestin u vjolenti a dannu tal-attur u dana billi spussessaw l-attur mit-tgawdija tal-fond u tal-proprjeta` mobbli tieghu go l-istess fond.

Illi l-fond 148, Rue D' Argens hija s-sedi principali tas-socjeta` MIRA Holdings Limited.

Illi f'dan il-fond l-attur jipposjedi in komuni mal-konvenuti il-fond 148, Rue D' Argens, Msida, u l-ufficcju w il-*Boardroom* li jinsabu gewwa l-istess fond.

Illi fl-ufficcju in kwistjoni l-attur ghandu skrivanija ta' proprjeta` unika tieghu, liema skrivanija juza regolarment.

Illi fl-istess ufficcju kif ukoll fil-partijet ohra komuni tal-fond 148, Rue D' Argens, l-attur kellu diversi kwadri u oggetti ohra personali tieghu.

Illi wara nofs in-nhar tas-Sibt 21 ta' Marzu l-attur ipprova inutilment jaccedi ghall-iskrivanija tieghu u dan peress li l-konvenuti jew min minnhom biddlu is-serratura tal-ufficcju u sakkruha.

Illi meta biddlu s-serratura in kwistjoni l-konvenuti hadu wkoll xi oggetti personli tal-attur mill-iskrivanija tieghu partikolarment konsistenti fi cwievet fil-pussess tal-attur b' liema cwievet l-attur seta' jaccedi ghall-*Boardroom* u ghal kamra ohra, f'liema kmamar l-attur izomm oggetti u kollezzjonijiet ta' valur konsistenti personali tieghu.

Illi fil-*Boardroom* imsemmija kien hemm l-oggetti mnizzla fil-lista hawn annessa u mmarkata Dokument 'B', filwaqt li fil-kamra l-ohra li kienet l-ufficcju personali ta' l-attur kien hemm hafna oggetti ohra fosthom kollezzjonijiet ta' inkwadri, ghamara antika, ornamenti u affarijiet ohra.

Illi meta wettqu l-affarijiet hawn fuq premessi l-konvenuti kkommettew spoll klandestin u vjolenti a dannu tal-attur li

gie spussessat mit-tgawdija tal-fondi in kwistjoni kif ukoll tal-oggetti u effetti kollha li kien izomm hemmhekk.

Illi sal-lum l-attur jinsab spussessat mill-oggetti u proprjetajiet hawn premessi;

Illi l-konvenuti ma hadu l-ebda passi sabiex jirrimedjaw is-sitwazzjoni;

Illi minhabba dan l-ispoll l-attur qieghed isoffri danni kontinwu billi ma jistax igawdi l-proprjeta` tieghu.

Illi l-istess attur ghalhekk talab li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex:

1. Tiddikjara l-konvenuti jew min minnhom hati talli kkommettew spoll klandestin u vjolenti a dannu ta' l-attur meta spussessaw l-attur mit-tgawdija tal-fondi in kwistjoni kif ukoll tal-effetti tieghu li kien izomm fl-istess fondi.

2. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom jirreintegraw lill-attur fil-pussess tal-fondi in kwistjoni u dan f'dak iz-zmien qasir u perentorju li joghgobha tiffissa l-Qorti.

3. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom jaghmlu a spejjez taghhom dawk ix-xoghlijiet necessarji sabiex l-attur jigu reintegrati fit-tgawdija tal-fondi in kwistjoni kif ukoll tal-oggetti u effetti personali tieghu kollha u in difett tawtorizza

lill-istess atturi jaghmlu dawn ix-xoghlijiet huma stess, dejjem a spejjez tal-konvenuti.

4. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom jirritornaw lill-attur l-oggetti kollha mobbli, proprjeta ta' l-istess attur, hawn elenkati fl-annessi dokumenti kif ukoll oggetti ohra proprjeta` tieghu li jirrizultaw tul it-trattazzjoni tal-kawza.

B' riserva ghal kwalunkwe azzjoni ghad-danni pertinenti lill-attur skond il-fatti hawn premessi, bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenuti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur a fol 2 u 3 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti hemm esebiti a fol 4 sa 8 tal-process.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti tat-13 ta' Mejju 1998 a fol 13 sa 15 tal-process, fejn gie eccepit:

(1) Illi preliminarjament it-talbiet ta' l-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur u dana ghar-ragunijiet li ser jigu spjegati f'din in-nota u kif ser jirrizulta tul it-trattazzjoni tat-kawza;

(2) Illi m'huwiex minnu li l-attur izomm effetti personali fil-fond 148r, Rue D'Argens, Msida u dan ghaliex l-istess attur dahal fl-imsemmi fond u minghajr il-kunsens u l-gharfien tal-konvenuti u akkumpanjat minn xi impjegati tas-socjeta`

konvenuta, ha mhux biss l-effetti personali li huwa qed jallega huma tieghu imma wkoll kull ma kien hemm gewwa l-istess fond;

(3) Illi l-attur dahal fl-fond imsemmi u svojtah qabel il-lejl ta' bejn it-23 u l-24 ta' Marzu u wara li svojtah imbarra t-tlett accessi ta' l-istess fond;

(4) Illi f'din l-okkazzjoni l-attur m'hux biss ha dak kollu li kien hemm fil-fond indikat imma wettaq hsara konsiderevoli fl-istess fond kwantifikabbli f'eluf ta' liri u dan kif jirrizulta minn kopji ta' ritratti mehuda qabel u wara li gara dan il-fatt, hawn annessi u mmarkati Dokumenti "A1", "A2", "A3", "A4", "A5", "A6", u "A7";

(5) Illi ghalhekk il-konvenuti bhala diretturi tas-socjeta` MIRA Holdings Limited, sabiex iharsu l-interessi taghhom *qua* azzjonisti ta' l-imsemmija socjeta`', l-interessi ta' l-istess socjeta` u l-interessi ta' huthom l-ohra hadu dawk il-prekawzjonijiet necessarji u ragonevoli sabiex izommu lill-konvenut milli jwettaq hsara ulterjuri fil-fond *de quo*;

(6) Illi sussegwentement, l-attur, akkumpanjat ukoll mill-konsulent legali tieghu rega' dahal fil-fond in kwistjoni billi sgassa l-access principali ta' l-istess fond, ghal darb'ohra minghajr il-kunsens u l-gharfien tal-konvenuti;

(7) Illi dan l-agir da parti ta' l-attur jikser ukoll id-disposizzjonijiet tal-Kodici Kriminali (Kap 9 tal-Ligijiet ta'

Malta) li jitratta dwar *ragion fattasi*. F'dan il-kuntest saret kwerela lill-Puluzija li kopja taghha qieghda tigi hawn annessa u mmarkata Dok. "B";

(8) Illi m'huwiex maghruf mill-konvenuti ghalfejn l-attur rega' dahal fil-fond stante li kif diga gie rilevat wara l-ewwel okkazzjoni ma kienx ghad baqa' l-ebda effetti personali;

(9) Illi dan l-agir da parti ta' l-attur m'hux biss huwa leziv ghall-interessi tal-konvenuti Joseph Zainmit, Victor Zammit u s-socjeta` MIRA Holdings Limited, imma wkoll ta' l-ahwa Zammit l-ohra stante li l-affarijiet li l-attur ha mill-fond 148r, Rue D'Argens, Msida, jifformaw parti minn wirt missier il-kontendenti li l-attur abbuzivament u minghajr raguni valida qed jippretendi li ghandu jgawdi hu biss;

(10) Illi l-iskrivanija li tinsab fil-fond 148, f'Rue D'Argens, Msida u li ghaliha jaghmel referenza l-attur, ghadha tintuza regolarment mill-attur, kif fil-fatt ighid hu stess, u l-konvenuti bl-ebda mod ma spussessawh mit-tgawdija taghha;

(11) Illi m'huwiex minnu li l-konvenuti biddlu s-serratura tal-bieb ta' l-ufficcju imma ghamlu serratura fejn ma kienx hemm u dana wara rizoluzzjoni li ghaddiet f'laqgha tal-Bord tad-Diretturi li ghaliha kien prezenti l-attur innifsu, kif jirrizulta mill-minuti ta' l-istess laqgha, kopja taghhom hawn annessa u mmarkata DoK "C".

(12) Illi din ir-rizoluzzjoni li fuqha l-istess attur qabel, ittiehdet sabiex l-ufficcju tas-socjeta` konvenuta ma jkun accessibbli ghall-hadd hlief ghad-diretturi, logikament inkluz l-istess attur. Illi ghal dan il-ghan kienet saret cavetta wahda li flimkien mac-cwievet l-ohra tal-kmamar fil-fond 148, f'Rue D'Argens, Msida, tinzamm regolarment fl-iskrivanija li ghaliha jaghmel referenza l-attur, jew f'xi parti ohra ta' l-istess ufficcju;

(13) Illi ghalhekk l-attur seta' liberalment juza c-cwievet tal-kmamar kollha tal-fond imsemmi u jekk ikun il-kaz jitlob dawn ic-cwievet, imma ghax il-kontribut tieghu fis-socjeta` konvenuta minn dejjem kien skars u b'nuqqas lampanti ta' entuzjazmu, dan qatt m'ghamlu.

(14) Minn naha taghhom il-konvenuti ghax ihabirku biex is-socjeta` timxi l-quddiem, ikunu prezenti l-hin kollu fil-fond 148, f'Rue D'Argens, Msida (nonche' is-sede principali tas-socjeta` konvenuta). Logikament dan ifisser li jkollhom bzonn igorru fuqhom ic-cwievet tal-kmamar kollha ta' l-istess fond;

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti a fol 16 sa 18 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti hemm esebiti a fol 19 sa 28 tal-process;

Rat il-verbal tat-28 ta' Mejju 1998, tas-7 ta' Ottubru 1998 fejn il-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr Josette Demicoli sabiex tisma' l-provi attrici u dan anke permezz tal-procedura tal-affidavits.

Rat in-nota ta' Paul Zammit tas-7 t'Ottubru 1998 fejn permezz taghha gew esebiti xi dokumenti (fol 35 sa 85).

Rat is-seduti kollha mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju Dr Josette Demicoli u d-dokumenti hemm esebiti.

Rat il-verbali tal-15 ta' April 1999, 16 ta' Gunju 1999, 10 ta' Novembru 1999 u 3 ta' Frar 2000.

Rat in-nota tal-attur tas-17 ta' Frar 2000 fejn permezz taghha esebixxa l-affidavit ta' Albert Falzon Santucci (fol 131 u 132).

Rat in-nota ta' l-attur tas-17 ta' Frar 2000 fejn permezz taghha esebixxa xi dokumenti (fol 133 sa 164).

Rat il-verbali tal-4 ta' April 2000, tal-1 ta' Gunju 2000, tal-4 ta' Lulju 2000 u tas-26 t'Ottubru 2000.

Rat ir-rikors tal-konvenuti tal-14 ta' Frar 2001.

Rat il-verbal tal-14 ta' Frar 2001, tal-4 ta' April 2001, tad-9 ta' Ottubru 2001, tat-28 ta' Novembru 2001 fejn il-Qorti rrevokat l-inkarigu tal-Assistent Gudizzjarju u halliet il-

kawza ghall-provi kollha tal-konvenuti, tat-22 ta' Jannar 2002 fejn xehdu Joseph Zammit, Henry Micallef u Edward Camilleri, u Dr Stephen Muscat u Dr George Abela ddikjaraw li hlief ghal dak li jista' jirrizulta mill-lista li ghandu jesebixxi l-attur. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghall-14 ta' Marzu 2002, u biex fil-mori ta' dan id-differiment isir access mill-Qorti.

Rat il-verbal tal-access mizmum mill-Qorti fl-14 ta' Frar 2002 fejn il-Qorti accediet fil-fond mertu tal-kawza odjerna li gie miftuh mill-attur u accediet fuq is-sular ta' fuq (it-tielet sular) fejn giet murija l-parti residenzjali tal-istess korp u l-kmamar u s-swali kollha li jidhru mnezza minn kull inkwadri, drappagg u purtieri li jidher li kien hemm inwahhlin/imdendlin mal-istess hitan, u l-uniku zewg oggetti li fadal huma zewg *baby grand pianos* u kcina *fitted*. Fit-tarag gie ndikat fejn kien hemm l-arazzi (panewijiet) tat-12-il xahar tas-sena, vaska fil-pjan tat-tarag u mera kbira f'indana ohra tat-tarag. Il-Qorti accediet ukoll fit-tieni sular fejn hemm l-ufficini tal-familja, u l-attur indika fejn kienet imwahla l-*coat of arms* ta' L'Isle Adame. Fl-ewwel ufficcju indika fejn kien hemm imwahla tlett inkwatri, dan l-istess ufficcju kien jintuza' mit-tlett ahwa Zammit. Fl-istess ufficcju hemm *board room* li wiehed minn dawn ir-ritratti kien fiha. Fit-tieni ufficcju ma l-istess naha tal-ewwel ufficcju fuq indikat, kien hemm zewg veduti (incizjonijiet) wahda ta' San Maison u l-ohra tal-Port u mappa ta' Coronelli li kienu fi frames antiki u hoxnin ta' Malta, liema ufficcju kien jintuza' minn missier l-attur u l-konvenuti. Mill-

istess ufficcju wiehed jghaddi ghall-*Board Room* li fiha kien hemm kollezzjoni ta' mapep li kienu mwahlin mal-parti ta' fuq tal-hitan tal-istess, il-fuq mill-panelling. F'dan l-istess l-ufficcju kien hemm ukoll gradenza b'affarijiet fiha, b'karti personali tal-attur. Il-Qorti accediet ukoll ghal kamra li tghaddi ghaliha mill-istess *Board Room* li fetaha l-konvenut Joseph Zammit u li fiha l-attur qed jallega li kien hemm erba' (4) frames ovali w indurati u skrivanija antika ta' cirka 60 sena.

Rat in-nota tal-attur tal-20 ta' Frar 2002 u d-dokumenti esebiti (fol 240 sa 245).

Rat il-verbal tal-14 ta' Marzu 2002 fejn Dr Abela ma oggezzjonax li n-nota tal-20 ta' Frar 2002 ma gietx notifikata lilu. Dr Abela tratta l-kaz. L-attur u d-difensuri tieghu msejhin diversi drabi baqghu ma dehrux. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Mejju 2002.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

### A. <u>PRINCIPJI LEGALI</u>

Illi l-principji bazilari tal-azzjoni ta' spoll gew ikkonfermati diversi drabi fis-sentenzi nostrali, ibbazati fuq **l-Artikolu**

**534 tal-kap 16** u l-**Artikolu 791 tal-Kap 12** tal-Ligijiet ta' Malta, u huma bbazati fuq it-tliet rekwiziti tal-*actio spolii* u cjoe`:

*(i) possedesse*
*(ii) spoliatum fuisse*
*(iii) infra bimestre deduxisse*

Illi tali principji u rekwiziti gew ezawrientement ikkonsidrati fis-sentenzi ta' din il-Qorti fl-ismijiet **"Natalino u Marie Josette konjugi Agius vs Antonia Said"** (Citazzjoni Numru 2426/97/RCP) deciza fit-13 ta' Jannar 1999 u **"Joseph Mary Debono et vs Dr. Tanya Sciberras Camilleri noe"** (Citazzjoni Numru 1704/98/RCP) deciza fid-29 ta' April 1999, u s-sentenzi hemm citati, u din il-Qorti taghmel referenza ghall-istess u l-giurisprudenza hemm citata fejn gew eccentwati l-premessi principji:

(a) L-attur irid jipprova li fil-mument ta' l-ispoll, huwa kien fil-pussess tal-oggett spoljat, izda tali pussess ma hemmx bzonn li jkun pussess b'titolu ta' proprjeta` jew servitu`, izda anke **purament materjali jew di fatto**, izda mhux ta' mera tolleranza (**"Joseph Vassallo Gatt nomine vs Joseph Camilleri proprio et nomine"** – App. 26 ta' Jannar 1996).

(b) *"L-istess pussess ma ghandux ikun ekwivoku u jrid ikun manifest"* (**"Gio Maria Tonna vs Gius Maria Tonna"** – P.A.H.H. 21 ta' Frar 1983), pero` *"pussess qasir hafna u sahansitra mumentarju huwa bizzejjed biex jawtorizza l-*

*azzjoni ta' spoll"* (Vol. XXXVII. p. 11, pg. 642); b' dan li l-pussess ma kellux ikun ekwivoku u kellu jkun manifest (**Camilleri vs Giglio** – Vol X – p. 55, 56).

In effetti fis-sentenza **"Marthese Borg vs Gorg Borg"** (P.A. – 25.2.1993) inghad li:

"*L-univocita` ta' tali pussess jew detenzjoni in fatti jehtieg li tirrizulta cara mill-fatti u tkun tali li tosta ghall-intenzjoni spolljattiva tal-pussess stess.*"

Dawn il-principji gew ribaditi fis-sentenza tal-Appell fl-ismijiet **"Emanuel sive Leli Sammut vs John Sammut"** (Citazzjoni Numru 585/93GV) tad-19 ta' April 1999 fejn l-istess Qorti tal-Appell sostniet li:

"*L-attur allura kellu qabel xejn jipprova l-element tal-pussess. Kellu jipprova b'mod konkluziv li kellu 'un possesso di fatto' u mhux pussess bazat fuq xi mera tolleranza li ma tkunx bizzejjed biex isservi ta' fondament ghall-akkwist tal-pussess mehtieg bhala bazi ta' din l-azzjoni.*" (**"Ann Wismayer vs Rinaldo Wismayer Agius"** – P.A. 5 ta' Ottubru 1992).

(c) Illi a bazi tal-**Artikolu 791 (3) tal-Kap 12**, il-Ligi tipprovdi tassattivament li:

"*Il-Qorti ghandha tezamina biss il-fatt tal-pussess jew tad-detenzjoni u l-fatt tal-ispoll.*"

Hekk il-kawza **"Joseph Cilia et vs Loreto Camilleri et"** (P.A. FGC – Citazzjoni Numru 1163/93/FGC) tat-12 ta' Gunju 1998 gie riaffermat li:-

"*Il-Ligi taghna fl-azzjoni ta' spoll ma taghtix lok ghall-ebda indagini ohra barra minn dik li tistabbilixxi (a) il-fatt ta' pussess/detenzjoni u (b) il-fatt ta' spoll. Indagini limitatissima, rigoruza u skarna li ma tinsab f'ebda legizlazzjoni ohra, u ghalhekk, bir-rispett kollu ghal decizjonijiet li ppermettew indagnijiet bazati fuq x' jghidu u x'ma jghidux guristi u awturi Francizi u Taljani, huma ghal kollox irrelevanti w inapplikabbli fil-kuntest tal-ordinament guridiku taghna*" (**"Carlo sive Charles Cardona et vs Francesco Tabone"** – Appell 9.3.1992). Tal-istess portata hija s-sentenza **"Mariano Farrugia et nomine vs Peter Paul Cutajar"** (Citazzjoni Numru 1441/97/FGC tat-23 ta' Ottubru 1998) fejn il-Qorti accentwat li:

"*Din l-azzjoni ta' spoll hija koncepita bhala azzjoni rapida u effikaci ghall-iskop li ma thalli lil hadd jiddisturba 'stat ta' fatt' arbitrarjament u hija intiza 'unikament biex iggieghel lill-konvenut li jerga' jqieghed il-haga fl-istat li kienet qabel ma ddisturbaha u daqshekk biss*" kif jghid bl-aktar mod car l-**Artikolu 791 (1) tal-Kap 12** li sfortunatament jigi hafna drabi njorat.

(d) Illi l-vjolenza mehtiega fl-ispoll hija biss dik li l-att ta' spoll ikun arbitrarju u kontra il-volonta` tal-pussessur b'

mod li jista' jaghti lok ghall-azzjoni ta' danni kontra min ikun ghamel dak l-att (**"Joseph Scerri vs Spiridione Falzon"** – P.A. A.M. 24.1.1958; **"Joseph Vella vs Salvu Micallef"** – P.A. JSP 30.4.1991).

(e) Tali artikoli fuq citati huma ta' ordni pubbliku u ghalhekk ma humiex ammessi eccezzjonijiet hlief eccezzjonijiet delatorji (**"Margherita Fenech vs Paolo Zammit"** – P.A. 12.4.1958, Vol XLLI. Pg. 973; **"Carmelo Sacco vs Paul Sacco"** – Appell 23.1.1998).

(f) Illi ta' partikolari interess, fl-ambitu tal-kawza odjerna huwa dak stabbilit fis-sentenza **"Alfred Pisani et vs Victor Farrugia"** ( P.A. FGC – 21 ta' Jannar 1994).

"*Jinghad li la l-Ligi u lanqas il-gurisprudenza ma jaffermaw il-principju li biex wiehed jirnexxi b'din l-azzjoni ta' spoll huwa ghandu jkollu pussess esklussiv. Anzi l-Qrati nostrali dejjem ippremettew li ko-possessur jagixxi b'din l-azzjoni kontra ko-possessur iehor li jikkommetti spoll ghad-dannu tieghu u dan minhabba li l-azzjoni ta' spoll ghandha l-iskop li tipproteggi l-pussess u mhux il-pussess esklussiv.*"

(g) L-azzjoni ta' spoll trid issir "fi zmien xahrejn mid-data tal-kummissjoni tal-att spolljattiv, b'dan li skond il-pronunzjament fis-sentenza **"Norman Vassallo vs Filomena Esposito"** (Appell – 18 ta' Gunju 1993) inghad li *meta tinghata l-eccezzjoni li l-azzjoni ta' spoll privileggjat ma saritx fiz-zmien preskritt mill-Ligi, il-prova ta' dan*

*tinkombi fuq l-eccipjenti ghaliex skond l-Artikolu 562 tal-Kap 12, l-obbligu tal-prova tal-fatt imiss dejjem lil min jallegah.*"

Illi minbarra dan dawn il-principji gew dejjem ikkonfermati fis-sentenzi moghtija minn din il-Qorti kif presjeduta fl-ismijiet **"N.M.J.Agius vs A. Said"** (P.A. RCP 13 ta' Jannar 1999.Citaz. Numru 2426/97/RCP); **"Joseph Mary Debono vs Dr. Tanya Sciberras Camilleri nomine"** (P.A. 26 ta' April 1999 Citaz. Nru. 1704/98/RCP); **"Dr. Rene` Frendo Randon vs David Sciberras"** (P.A. 20 ta' Mejju 1999. Citaz. Nru. 2459/98/RCP); **"C. Fino & Sons Limited vs Market Consult Limited"** (P.A. 1 ta' Lulju 1999, Citaz. Nru. 1596/98/RCP); **"Maria Concetta Lando vs Eugenio Galea"** (P.A. 15 ta' Gunju 1999, Citaz. Numru 610/99/RCP); **"Christine Ward vs Neville Ward"** (P.A. 13 ta' Lulju 1999, Citaz. Numru 2082/98/RCP); **"Nazzareno Camilleri vs Joseph Buhagiar"** (P.A. 30 ta' Novembru 1999, Citaz. Numru 2328/98/RCP); **"Alan Mckay vs Jacqueline Mckay"** (P.A. 27 ta' Jannar 2000, Citaz. Numru 1660/98/RCP); **"Salvu Gauci vs Gaspare Psaila"** (P.A. 11 ta' April 2000, Citaz. Numru. 1887/97/RCP); **"Abela vs Abela"** (P.A. 13 ta' April 2000, Citaz. Numru 1949/99/RCP); **"John Saliba vs Joanne Refalo"** (P.A. 13 ta' April 2000, Citaz. Numru 467/98/RCP); **"Anthony Micallef vs Doris Micallef"** (P.A. 2 ta' Mejju 2000, Citaz. Numru 1167/99/RCP); **"Carmelo Fenech vs Joseph Vella"** (P.A. RCP. 3 ta' Ottubru 2000); **"Carmelo Mifsud vs Giuseppi Schembri"** (P.A. RCP 25 ta' Ottubru 2000);

**"Clive Simpson vs Louis Muscat et"** (P.A. 13 ta' Frar 2001, Citaz. Numru 2451/98/RCP); **"Neville Xuereb vs Raymond Aquilina"** (P.A. RCP 14 ta' Marzu 2001); **"Marcus Xuereb vs Raymond Aquilina et nomine"** (P.A. 14 ta' Marzu 2001, Citaz. Numru 2142/99/RCP); **"NMR Properties Limited vs Raymond Aquilina et nomine"** (P.A. 14 ta' Marzu 2001, Citaz. Numru 2141/99/RCP); **"Giuseppi Spiteri vs Anthony Theuma"** (P.A. RCP 26 ta' April 2001); **"Mark Napier vs Andre` Bianchi"** (P.A. 26 ta' April 2001, Citaz. Numru 692/99/RCP); **"Michael Fenech vs Licari Estates Limited et"** (P.A. 26 ta' April 2001, Citaz. Numru 2139/99/RCP); "**Paul Carbonaro vs Norman Dimech**" (P.A. 12 ta' Lulju 2001 – Citaz. Numru 632/98/RCP), u "**Joseph Aquilina vs Gordon Gerada"** (P.A. 30 ta' April 2002, Cit Nru: 541/98/RCP).

**(B) PROVI PRODOTTI.**

Illi l-attur spjega fl-affidavit tieghu kif huwa dejjem ghex mal-familja tieghu, anke meta marru joqghodu l-Imsida, u l-genituri tieghu ghexu fil-pjan ta' fuq u huwa rranga u kif kien jixtri affarijiet sabiex jarma l-istess fond, skond huwa bi flusu w allura jsostni li kull ma kien hemm fid-dar tal-genituri tieghu kienu kollha tieghu apparti lbiesi u l-effetti personali tal-genituri tieghu.

Illi qal ukoll li kien ha hsieb ukoll ir-rinovvazzjoni tal-istess blokk kollu tad-ditta mill-*ground floor* sa' l-ewwel sular u rama' l-istess bi flus u ghan-nom tal-istess kumpanija; biex

iddekora l-ufficcji privati tad-diretturi tal-kumpanija kien dahhal diversi affarijiet mill-kollezzjoni tieghu fosthom kwantita' ta' mapep antiki fil-*main boardroom*, u zewg kwadri taz-zejt, u kien izomm kamra li fiha kien iqieghed affarijiet zejda bhal inkwadri taz-zejt, ghamara, u antikitajiet ohra, liema affarijiet, kienu kollha proprjeta' tieghu, pero' gew inxurjati f'isem il-kumpanija, pero' kien hemm dikjarazzjoni li kienu mislufa lill-istess socjeta`', kif jinsab fid-dokument fil-pussess tas-socjeta` assiguratrici *Royal Guardian Exchange.* Ir-*reserved collection* kienet tinzamm fl-ufficcju ghaliex ma kellux spazzju. Dawn l-oggetti kollha sparixxew minn posthom.

Illi wara li miet missieru fil-21 ta' Lulju 1997 huwa u l-mama' tieghu baqghu joqghodu l-Imsida hlief fis-sajf meta kienu jitilghu Ghawdex. Wara marru joqghodu fid-dar tal-attur Hal Lija, u peress li ommu kienet wegghet, dahlet l-Isptar fejn damet tmintax-il xahar u mbaghad marret lura Hal Lija. Hawn beda l-inkwiet ma hutu, kemm ghaliex riedu li ommhom toqghod ftit ghand kulhadd u kemm ghaliex riedu li l-kollezzjoni tinbiegh. Il-konvenuti bdew imexxu wahedhom l-affarijiet kollha tan-negozju bla ma jikkonsultawh.

Illi fis-16 ta' Marzu 1998 beda jgorr l-kollezzjoni, u ghenuh ohtu Elena, certa Ann Darmanin, Charles Borg u Pierre Conti u Charlotte Domenici, u dan bit-trakkijiet tal-kumpanija, u bit-trakkijiet ta' terzi.

Illi fil-21 ta' Marzu 1998 mar il-post u sab l-bieb maghluq u ma kellux access, mar it-tnejn u sab il-bieb komuni miftuh u l-inkwadri tal-ufficcju u tal-kuridur kienu ghadhom hemm; l-iskrivanija kienet giet svojtata mid-dokumenti, karti personali u cwievet tal-*main boardroom*, l-ufficcju tal-papa' u l-kamra tal-i*store*; l-ghada l-inkwadri tal-ufficcju kienu neqsin; fil-24 ta' Marzu 1998 Pierre Conti kien infurmah li l-entrata li taghti mill-*garage* kienet sgassata; huh Joseph baghat lil Pierre Conti u lil tal-garr lil hemm. L-attur ma dahalx izjed fil-proprjeta' hlief fid- 9 ta' April 2001 mal-avukat tieghu u mal-Ispettur Stephen Gatt. Biex dahlu mill-*main door* kellhom ikissru l-katnazz ta' mal-kancell pero' l-bieb ma setghax jinfetah u dahhlu mill-bieb li jaghti minn gol-ufficcju, u sabu li l-bieb kien mbarrat bic-cnagen. Qal li sar jaf li kienu dahlu huh Joseph u Victor mal-avukat taghhom u hutu Gorg u Michael wara li sgassaw il-bieb li jghati mill-garaxx ghad-dar. Hutu imsemmija kienu jsostnu li tali kollezzjoni kienet tal-kumpanija, u fil-fatt l-attur jghid li dawn geghlu lill-missierhom jaghmel dikjarazzjoni li dawn l-oggetti kienu tal-kumpanija; pero' wara missier l-attur ghamel dikjarazzjoni ghand l-Avukat Generali Dr. Borg Barthet li din il-kollezzjoni kienet tal-attur; fil-fatt fit-testment kien hallihom lill-attur bhala prelegat anke jekk ma kienux proprjeta` tieghu. Kien silef parti minn dawn l-affarijiet lil Mary Tonna, omm il-mara ta' huh Joseph. L-oggetti kollha fil-lista Dok. "A" u "B" huma kollha tieghu, u skond huwa parti mill-oggetti jinsabu fid-dar ta' huh Joseph f'Villa Saga, San Pawl tat-Targa, Naxxar skond kif jidher minn kopja tal-Mandat ta' Deskrizzjoni Numru 3102/98, u dawn konsistenti

fi kwadru tal-iskola ta' Franceso Guardi rapprezentanti xena Veneziana go *frame* indurat u mappa ta' Malta u Ghawdex (Dok. "CA1" u "CA2", il-Marixxall sab 11 mill-arazzi li jirrafiguraw ix-xhur tas-sena. Sparixxew ukoll karti, dokumenti u korrispondenza mill-iskrivanija.

Illi **Luciano Micallef** fl-affidavit tieghu tas-6 ta' Ottubru 1998 sostna li kien kkommissjonat fil-1981 sabiex ipitter sensiela ta' tnax il-kwadru rapprezentanti it-12 il-xahar tas-sena u dan biex izejnu t-tromba tat-tarag tar-residenza tal-attur fl-Imsida u thallas mill-attur fi flus kontanti. Prezz ma jghidx kemm.

Illi **Joseph Galea Naudi** fl-affidavit tieghu tad-29 ta' Settembru 1998 sostna li jaf lill-attur bhala kollezzjonista tal-antikitajiet u oggetti tal-arti u jaf li beda jixtri diversi minn dawn l-affarijiet bejn is-sena 1972 u 1977, u l-affarijiet kien issibhomlu x-xhud u joqghod fuq il-parir tieghu, u l-affarijiet kienu jinxtraw ghalih personali; jaf li l-attur irranga l-post tal-Imsida, u kien kkonsultah dwar l-arredament tal-istess post. Kien xtara diversi affarijiet minghandu r-ricevuti kienu jsiru fuq ismu.

Illi l-**Professoressa Anne M. Borg-Biegel** fl-affidavit taghha tat-12 ta' Awissu 1998 sostniet li hija marret diversi drabi d-dar l-Imsida u huwa kien xtara pjanu ghall-*ballroom* u kienet taht l-impressjoni li kull ma kien hemm id-dar kien tal-attur.

Illi **Anne Darmanin** fl-affidavit taghha tat-12 ta' Awissu 1998, **Nicholas De Piro** fl-affidavit tieghu tal-5 ta' Ottubru 1998, **Alaine Apap Bologna** fl-affidavi taghha tat-30 ta' Settembru 1998, **Joseph Sammut** fl-affidavit tieghu tal-5 ta' Ottubru 1998, **Anna Balzan** fl-affidavit taghha tal-5 ta' Ottubru 1998, **Joseph Conti** fl-affidavit tieghu tal-5 ta' Ottubru 1998, **Albert Falzon Santucci** fl-affidavit tieghu tas-6 ta' Ottubru 1998 kollha kkonfermaw li jafu li l-attur kien dilettant tal-oggetti tal-arti u antikitajiet u li kien jixtri diversi affarijiet personalment ghall-post li kellu l-Imsida fejn kien joqghod u kellu ufficcju.

Illi **Eugenio Chircop** fl-affidavit tieghu tal-24 ta' Awissu 1998 sostna li huwa jahdem bhala *watchman* mas-socjeta` Mira Group of Companies u fil-24 ta' Marzu 1998 f'xi 7.30p.m. Victor u Joseph Zammit kienu baqghu l-ufficcju, u l-ewwel wiehed qallu li kif jigi l-avukat taghhom jiftahlu,u fil-fatt hekk ghamel; daqq l-*alarm* u sab lill-Victor Zammit jissara mal-bieb li mill-*garage* jaghti ghar-residenza, u tefa' l-alarm. Il-konvenut l-iehor mar fl-i*store* u gab lieva tal-hadid. Wara wasslu hutu George u Michel u zewg bibien kienu sgassati; wara telqu l-erbgha (4) li huma mill-bieb principali b'kaxxi li bdew jghabbu fil-karozzi, u telghu ghalihom iktar minn darba, inkluzi inkwadri kbar li qabel kien hemm fl-ufficcju (Dok. "EC1" u "EC2") inkluzi hafna inkwadri ohra bil-mapep u mlew kollox fil-van. L-ghada gew xi nies ghall-habta tas-2.00.p.m. geq xi nies li hadu xi ritratti mal-konvenut Joseph Zammit. Inghata l-ordni li hadd ma ghandu jithalla jidhol wara l-hin tax-xoghol specjalment

Pierre Conti u Charles Borg. Qabel l-24 ta' Marzu kemm omm l-attur u kemm l-attur kienu jidhlu fir-residenza taghhom fil-ghaxija.

Illi **Charles Borg** fl-affidavit tieghu tal-5 ta' Ottubru 1998 kkonferma it-tezi tal-attur u kif kienu marru biex igorru l-affarijiet allegatament tal-attur u gew imwaqqfa minn Victor Zammit, u l-ghada mar id-dar tax-xhud u qallu li sab il-post sgassat, marru l-fabbrika mal-attur u raw lill-konvenut Joseph Zammit hemmhekk, u l-attur ilmenta li kienu biddlu is-serratura tal-ufficcju u hadu xi affarijiet minn tieghu.

Illi l-istess kkonfermaw **Pierre Conti** fl-affidavit tieghu datat 5 ta' Ottubru 1998, u **Charlotte Domenici** fl-affidavit taghha tal-5 ta' Ottubru 1998 it-tezi tax-xhud Charles Borg kif jinsab indikat fl-istess affidavit a fol. 59 u 60 tal-process.

Illi **Alfred Mallia** fix-xhieda tieghu quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr Josette Demicoli tad-9 ta' Dicembru 1998 qal li huwa kien *Chief Executive* tal-kumpanija, u qal fost affarijiet ohra li l-attur kellu access tas-sular ta' fuq fejn kien hemm ir-residenza tieghu u dak kollu li kien jinxtara ghall-istess fond kien jinxtara mill-attur; dak li kellu x'jaqsam mal-kumpanija kien jinxtara mill-kumpanija; l-oggetti li kienu fl-istess appartament ma kienux imnizzla fil-kotba tal-kumpanija. L-istess xhud spjega x'kien hemm fl-istess appartament, fil-kamra tad-diretturi, fil-kuridur, fl-ufficcji tad-diretturi, w innota li qabel is-sajf tas-sena l-kwadri fil-kuridur u fil-Kamra tad-Diretturi kienu tnehhew; l-attur wara tnehha

minn direttur tal-kumpanija skond minuti tal-*extraordinary general meeting.*

Illi **Nicholas Borg** xehed fis-seduta tal-15 ta' Jannar 1999 li huwa jahdem bhala *General Manager fl-Administration* u ghall-ahhar sentejn *company secretary* u l-ufficcju tieghu jmiss mal-*boardroom,* u kkonferma l-mapep li kien hemm fl-istess *boardroom* u l-pitturi li kien hemm fl-ufficcju tad-diretturi. Mill-*boardroom* wiehed kien jaccedi ghall-bieb li jaghti ghar-residenza, li fiha kien joqghod l-attur, ommu u missieru u ohtu Evelyn sakemm din kienet xebba. Ma kienx jaf min dahal u sgassa. L-attur spicca minn direttur f'Mejju 1998.

Il-**Marixxal Nicholas Sammut** fix-xhieda tieghu tat-22 ta' Novembru 1999 sostna li huwa esegwixxa l-Mandat ta' Deskrizzjoni Numru 3102/98 u gie esegwiet f'San Pawl tat-Targa fl-14 ta' Settembru 1998 u mieghu kien hemm espert u kkonferma li sab kollox fil-Villa Saga u fil-fondi l-ohra ma sab xejn. Illi fit-22 ta' Settembru 1998 mar Mira Holdings u nizzel l-affarijiet li kien hemm fir-rapport u kkonferma l-istess Mandat.

Illi **Elena Mamo** xehdet fil-15 ta' Dicembru 1999 u sostniet li kienet inkarigata mill-Qorti sabiex taghmel rapport, kif fil-fatt ghamlet a fol. 69 sa 76 tal-process konsistenti f'dak li gie ndikat fl-imsemmi Mandat ta' Deskrizzjoni u kkonfermat il-firem fuq l-istess mandat; dwar dak li hemm indikat fit-tieni linja a fol. 74 nnutat li dawn lanqas kienu mdendlin.

Gharfet l-inwkadru indikat bi vlegga fir-ritratt Dokument "X" u kien mal-art fl-istess residenza "Villa Saga" u kien jikkonsisti f'incizzjoni kbira ta' Malta u Ghadex fi *frame* tad-deheb, u l-pittura l-ohra kienet kanal ta' Venezja kif deskritt a fol. 127 tal-process. Qalet ukoll li jista' jkun li dawn kienu l-pitturi ndikati a fol. 68 fejn hemm miktub *"1 Oil Painting taht il-paragrafu Director's Office Board Room, 1 Oil Painting School of Francesco Guardi depicting a scene in Venice'.* Fil-propjetajiet l-ohra ma kien hemm xejn mill-oggetti indikati, ghalkemm marru jumejn jew tlieta wara li marru Villa Saga.

Illi fl-affidavit tieghu tas-6 ta' April 2000 l-konvenut **Joseph Zammit** sostna li l-attur kien jghix mal-genituri fost ohrajn fil-fond l-Imsida, sede ta' Zammit Group of Companies u l-attur kollezzjonista tal-arti kien rawwem u rama' l-istess post b'diversi xoghlijiet ta' arti u valur u l-oggetti l-ohra kollha indikati fl-istess affidavit u sostna li dawn l-oggetti ma kienux mixtrija bil-flus tal-istess attur izda minn flus tal-kumpanija u dan ghaliex dawn l-oggetti jiswew flejjes kbar u huwa mpossibbli li kien xtara dawn l-oggetti mill-paga li kellu u ghalhekk l-istess attur kien uza flus tal-kumpanija inkluzi *loans* u *takings* biex jakkwista l-istess. L-istess socjetajiet qatt ma ddikjaraw *dividends* favur l-azzjonisti izda biss *loans* lill-istess *shareholders*. L-attur kien inkarigat sabiex jiddepozita l-flus tas-socjetajiet indikati u jiddisponi minnhom, inkluz li jixtri oggetti ta' arti, ghamara antika, kwadri, oggetti tal-fidda etc. Mitlub biex jaghti rendikont jew

inventarju tal-flejjes u tal-oggetti tal-kumpanija, l-attur ghalkemm iwieghed li dan ser isir qatt fil-fatt ma ghamlu.

Illi wara li miet missieru fil-21 ta' Lulju 1997 l-attur ipproprija ruhu mill-istess affarijiet artistici u dan billi ghamel kaltnazz mal-istess bieb tar-residenza, appartenenti lill-Mira Motors Limited, sabiex ikun jista' jidhol huwa biss. Ic-cavetta ta' dan il-kaltnazz kien izommha maghluqa. L-attur dahal fir-residenza u zvojtaha minn dak kollu li kien hemm fiha, sa anke qala' l-*fireplace* li kien hemm f'wahda mill-kmamar, u l-konvenuti dahlu fil-post u sabu li kienet saret ukoll hsara sew u ma sabu kwazi xejn u hadu ritratti ta' dan. Sabiex l-attur ma jergax jidhol imbarraw l-accessi kollha, ghalkemm l-attur rega' sgassa u dahal go r-residenza.

Illi hawn l-istess konvenut kompla hekk:-

*"Illi dan l-agir da parti ta' hija Paul wassal biex jiena, fil-kapacita' tieghi personali bhala werriet tal-mibki missieri Pio Eucharist Zammit, flimkien ma terzi, kif ukoll bhala direttur tas-socjetajiet formanti parti minn Zammit Group of Companies, niehu l-mizuri sabiex nissalvaggwardja l-interessi personali tieghu kif ukoll ta' huti l-ohra, u l-interessi ta' l-istess socjetajiet, billi qabel xejn laqqajna laqgha generali straordinarja ta' kull wahda mill-istess socjatajiet, sabiex inehhu lil hija Paul minn direttur, liema laqghat, l-istess Paul ipprova inutilment iwaqqaf diversi drabi permezz ta' mandati ta' inibizzjoni, li kull darba din l-Onorabbli Qorti, diversament presjeduta, cahdet, u*

*imbaghad permezz ta' mandati ta' deskrizzjoni li minnhom jirrizulta li Paul kellu il-maggior parti tal-oggetti artistici li kienu jinsabu 148r, Rue D'Argens, Msida, li huma appartenenti lis-socjetajiet u/jew jifformaw parti mill-wirt tal-mibki missieri".*

Illi l-istess konvenut **Joseph Zammit** fis-seduta tat-22 ta' Jannar 2002 li meta kien gie minn barra kien sab li l-attur kien ha dak kollu li kien hemm fir-residenza tal-genituri tieghu konsistenti f'xi ghaxar (10) t'ikmamar u kuridur kbir, inkluzi affarijiet antiki, inkluzi ghamara, pitturi, fided, hagar prezzjuz. Illi ghalhekk huwa flimkien ma ohrajn dahal u ghalqu l-bieb ta' barra, li pero' wara xi jumejn gie sgassat mill-attur akkumpanjat minn Dr. John Refalo u l-pulizija. Dan il-bieb illum jinsab miftuh. Illi ghalhekk l-konvenuti iddecidew li:-

*"Fl-ufficcini, fil-pusses tal-kumpanija ghanda xi inkwadri u affarijiet ohra, u meta rajna hekk jiena u hija Victor iddecidejna li nnehuhom dawn u nerfughhom biex ma jergax jigri kif gara peress li huma fil-pussess tal-kumpanija"*

*"Il-Qorti: Meta ghalaqtu l-acess? Jigifieri meta ghalaqtu dak il-bieb iddecidejtu li tnehhu l-affarijiet ukoll?*

*"Xhud: Li kienu fin-naha tal-ufficcini.*

*Il-Qorti:- U fejn ghamiltuhom?*

*Xhud:- Qeghdin ghand huti.*

*Il-Qorti: X'inhuma dawn l-affarijiet?*

*Xhud:- Ghad fadal xi erba' inkwadri u xi mapep ta' Malta, tal-ufficini dawn.*

*Il-Qorti:- X'kien hemm izjed? Kemm il-oggett kien hemm? 5, 10, 20, 50?*

*Xhud: Le, hemm dawn l-incizzjonijiet fil-Board Room, u xi erba' inkwadri ohra mqassmin fl-ufficini.*

*Il-Qorti: Fejn jinsabu llum?*

*Xhud: Illum jinsabu ghand zewg huti ohra.*

*Il-Qorti: Min huma?*

*Xhud:- George u Michel.*

*Il-Qorti:- U inti tajthomlhom?*

*Xhud:- Jien u Victor.*

*Dr. George Abela: Mela dawn kienu fl-ufficcju tal-kumpanija.*

*Il-Qorti:- Ghala hadthom hemmhekk?*

*Xhud: Biex ma jigrix kif gara fuq, jigu jittiehdu u jisparixxu.*

*Dr. George Abela: Din id-decizjoni ta' min kienet?*

*Xhud: Tieghi u ta' hija Victor, li ahna Diretturi tal-kumpanija.*

Illi l-istess xhud kompla jghid li dawn l-oggetti kienu tal-kumpanija Mira Motors Limited u l-attur huwa azzjonista wkoll tal-istess. L-iskrivanija hemm qeghda. L-attur kien joqghod ma ommu u missieru l-Imsida, u ghalkem kellu post Hal Lija u Tas-Sliema, kellu cavetta tal-istess post, u l-ahwa kollha kellhom cavetta, anke il-bniet. Kien hemm fil-*boardroom* iktar minn 30 mappa qodma ta' Malta; parti mill-oggetti a fol. 156 u 157 inghataw lill-attur.

Illi b'affidavit ta' **Victor Zammit** datat 6 ta' April 2000 l-konvenut kkonferma ix-xhieda kollha ta' Joseph Zammit tant li jista' jinghad li dan l-affidavit huwa kwazi kelma b'kelma riproduzzjoni ta' dak li jghid il-konvenut Joseph Zammit fl-affidavit tieghu.

Illi fis-seduta tat-22 ta' Jannar 2002 xehed **Henry Micallef** li kien awditur tal-grupp ta' kumpanija san-1987 u kien familjari mal-blokk ta' bini tal-istess socjetajiet, pero' fl-*accounts* tal-kumpanija ma kien hemm xejn dwar il-kontenut tal-istess blokk.

Illi xehed ukoll **Edward Camilleri** awditur tal-istess grupp ta' kumpaniji tal-kontendenti sas-sena 1986 sostna li informalment u mhux fil-laqghat tal-kumpaniji jista' jkun li sema' diskors fis-sens li l-attur kien jinvesti l-flus tal-kumpanija; mill-awditjar tal-assi tal-kumpaniji qatt ma rrizulta li kien hemm investimenti f'dan is-sens, u mill-kotba l-istess. Kien hemm oggetti li huma wtilizzati mill-kumpanija, izda mhux bhala investimenti.

Illi din il-Qorti zammet access fil-fond *de quo* fis-seduta tal-14 ta' Frar 2001 li minnhom jirrizulta li l-fond gie miftuh mill-attur u minn hemm accediet ghat-tielet sular, fejn kien hemm l-parti residenzjali tal-istess blokk u l-kmamar u s-swali kollha jidhru li huma mnezza minn kull inkwardri, drappagg, u purtieri li jidher li kienu mwahhlin mal-istess hajt, u l-unika zewg oggetti li fadal kien zewg *baby grand pianos* u kcina *fitted.* Fit-tarag gie ndikat fejn kien hemm il-panewwiet tat-12 il-xahar tas-sena, vaska fil-pjan tat-tarag u mera kbira f'indana ohra tat-tarag.

Illi fit-tieni sular hemm l-ufficini tal-familja, u l-attur indika fejn kienet inwahhla l-*coat of arms* ta' L'Isle Adam. Fl-ewwel ufficcju, li kien jintuza mill-kontendenti, gie indikat fejn kienu imwahhla tlett inkwadri, u fl-istess ufficcju hemm *boardroom* li wiehed mir-ritratti kien fiha; fit-tieni ufficcju fuq l-istess naha kien hemm zewg veduti jew incizzjonijiet ta' San Maison u tal-Port u mappa ta' Coronelli, li kienu fi frames antiki u hoxnin ta' Malta, liema ufficcju kien jintuza' minn missier l-attur u l-konvenuti mill-liema ufficcju wiehed

jghaddi ghall-*boardroom* li fiha kien hemm kollezzjoni ta' mapep li kienu mwahhlin mal-parti ta' fuq tal-hitan tal-istess, il-fuq mill-*panelling*; f'dan l-istess ufficcju kien hemm ukoll gradenza b'affarijiet fiha, u karti personali tal-attur. Il-Qorti accediet ghall-kamra li tghaddi ghaliha mill-istess *boardroom* u li fetaha l-konvenut Joseph Zammit li fiha l-attur jallega li kien hemm erba' (4) *frames* ovali u indorati u skrivanija antika circa 60 sena.

Illi a fol. 241 sa fol. 245 hemm lista ta' oggetti li allegatament gew mehuda mill-konvenuti mill-fond *de quo* konsistenti fis-segwenti;

(A) *MAIN BOARDROOM*

- Du Val a Paris — Monochrome highlighted in green and yellow
- Arron Melita Vulgo, Malta, coloured, Cartouche
- G. Priot — Map of Valetta — Coloured
- H Seutters, Map of Malta with various Cartouehes and inset of coat of arms - Coloured
- F De Wit — Map of Malta — Coloured
- lan B Homnan — Map of Malta Cartouche and insets — coloured
- Theirs — Map of Malta — Monochrome
- Benning — Map of Malta — Monochrome
- Giorgio Giacomo de Rosa— Map of Malta - large Cartouche / inset of Valletta Coloured
- PP. Du Val - small Map of Malta— coloured

- N Sason - Map of Malta — Coloured
- Tieron — Map of Malta Coloured
- Anon plan of Rhodes
- Anon Plan of Valletta - Litograph
- Depalneus — Map of Malta — Monochrome
- Anon Plan of Valletta with insets/views— Monochrome
- Anon, two early insets Valletta & Malta — Monochrome
- Anon, inset map of Valletta — coloured
- Anon map of Malta — Monochrome
- Guigliemo Deliste Map depicting the possessions of the order of St John covering the Mediterranean and Far East — Monochrome
- Anon, map of Malta with inset of description, Valletta and the Cittadella of Gozo, coloured
- Anon plan of citta vecchia with the main coat of arms monochrome
- Anon plan of Valletta — coloured
- De Berey — plan of Valletta 1724 — Monochrome
- Jaillot 1734 Map of Malta and inset of Valletta — Coloured
- De Langras — Map of Valletta - coloured
- Anon Plan of Valletta with cartouches — coloured
- Damet 1723 - plan of Valletta — with inset cartouche 1713 — coloured
- Cataldo — islands of the Mediterranean — Malta included — coloured
- Baldwin & Cradroch 1813 inset of the town of Valletta — Monochrome

- Anon map of Malta — mentioning the acts of the apostles — Monochrome
- C. Wergilio Nuremberg- Map of Malta inset with Cartouche — Coloured
- English executed series of seven maps including one of Malta circa 1750 — coloured
- Anon Series of four maps including Malta — Monochrome with red, green highlighting
- A set of 29 lithographs by Brockdorf depicting the protectors of the order of St John and a portrait of Mattia Preti — Monochrome

*(B) FATHER ‘S OFFICE*

- One map of Malta by Coroner — coloured — framed in a heavy inlaid Maltese Frame
- Pair of engravings subject San Maison and Valletta fish market in a heavy Maltese frame
- One Victorian Mahagony chest of drawers

*(C) DIRECTOR’S OFFICE/BOARDROOM*

- One oil painting (framed) by Peter Van Roos (Rosa Da Tivoli) depicting a shepherd, cattle in a country side scene
- 16th Century oil painting, artist anon, depicting a Knight of the Order of St John dressed in full regalia (heavy sculptured gilted frame)

- One oil painting, school of Francesco Guardi depicting a scene in Venice (Framed)

*(D) CORRIDOR*

- One oil painting depicting coat of arms of Grandmaster de Rohan in wooden frame
- One Alabaster urn shaped Giardinaire
- Two stone urns of stand
- One hard stone bust of Erte
- One model of a steam engine

(E) EX OFFICE/STOREROOM

- Three small Queen Anne ladies' chairs
- Four oval guilted frames
- Quantity of material and accessories

(F) Lista ta' oggetti fil-parti residenzjali.

- 6 Wrought Iron and mahagony lanterns
- 1 empire style crystal chandelier
- 1 Victorian crystal ceiling chandelier
- 12 in number panels depicting the months of the year
- 1 Axminister carpet surrounded with a border on a black background
- 1 large persian carpet pink (mother's bedroom)
- large quantity of carpet felt
- large quantity of green damask stick up panels

- a number of gypsum ceiling roses
- 1 large white marble fire place in the dining room
- 1 electric heater mock fire basket
- 1 cornice spare bedroom
- 8 in number stone cannon balls on stand
- 1 Capo di Monte fireplace
- 1 fireplace complete with fire basket
- 1 wrought iron fire screen
- 1 electric fan on stand
- An old stone niche comprising of a shell alcove and basin on stand
- 1 electric hot plate complete with hood
- combined electric fridge and freezer side by side
- 1 table height fridge
- 1 cooker and hood
- 1 washing machine
- a quantity of stone troughs
  a quantity of pots and potted plants
- a quantity of containers in pottery
- 1 glass aquarium
- a quantity of gold fish
- a number of stone statues
- 1 japanese statue
- 1 dishwasher
- 1 geyser (kitchen)
- 2 mirrors (bathroom and mother's bedroom)
- quantity of iron brackets of pelmets
- personal clothing and belongings

**<u>(C) Apprezzament tal-Provi.</u>**

Illi fl-ewwel lok din il-Qorti trid taghmilha cara li skond kif inghad fis-sentenza **"Mark Napier vs Andre' Bianchi"** (P.A. (RCP) 26 ta' April 2001) *"l-unika indagini permess fil-kawza odjerna hija biss dwar il-fatt ta' pussess u l-fatt tal-ispoll u xejn izjed, u dan dejjem skond l-artikoli fuq citati u l-gurisprudenza fuq citata, inkluza dik skond is-sentenza* ***"Carlo sive Charles Cardona et vs Francesco Tabone"*** *( A.C. 9 ta' Marzu 1992) u* ***"Mariano Farrugia et vs Peter Paul Cutajar"*** *( P.A. F.G.C 23 ta' Ottubru 1998 - LXXXII.iii. 301)"*.

Illi dan kollu gie kkonfermat fis-sentenzi kollha fuq indikati, u ghalhekk hija ghal kollox inutili ghal din il-kawza kull riferenza li saret mill-partijiet dwar l-allegat titolu ta' proprjeta' tal-kontendenti ghall-istess oggetti, stante li *ai termini* tal-**artikolu 534 tal-Kap 16** u **l-artikolu 791 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** dak li huwa rilevanti ghall-kawza odjerna huwa biss li jigi reintegrat l-istess pussess, ghaliex kif inghad fis-sentenza **"Paul Carbonaro vs Norman Dimech"** (P.A. (RCP) 12 ta' Lulju 2001*) "din l-azzjoni hija wahda ta' ordni pubbliku w intiza ghar-rispett tar-rule of law, b'dan li hadd ma huwa permess li jiehu l-ligi b'idejh, u kull addizzament ghad-drittijiet allegatament vjolentati jew drittijiet vantati jista' biss isir permezz tal-Qrati, kif isir f'socjetajiet demokratici u civili b'rispett totali lejn dak li trid il-ligi".*

Illi fl-istess sentenza fuq citata **"Mark Napier vs Andre' Bianchi** inghad li "*ghalhekk kull konsiderazzjoni ohra, aktar u aktar jekk ibbazata fuq kawzali ta' natura petitorja jew drittijiet, ghandha tkun riservata ghal proceduri ohra fuq mertu u mhux f'kawza ta' spoll privilegjat, ghaliex proprju ghalhekk li din il-kawza hija hekk privilegjata, sabiex tassigura li tinzamm l-ordni bejn ic-cittadini kollha u bejniethom u hadd ma jiehu l-ligi b'idejh, b'dan li kull min ghandu vantazzjoni li d-drittijiet tieghu qed jigu lezi, ghandu jirrikorri lejn il-Qorti u ghalhekk din in-natura ta' kawza hija wkoll ta' ordni pubbliku u rispett lejn iz-zamma tal-fatti kif jezistu, li jinbidlu biss b'mod legali u tramite l-intervent gudizzjarju. Kull soluzzjoni ohra twassal ghal-ligi tal-gungla u ghal denagazzjoni tal-principji tar-"rule of law"".*

Illi ghalhekk kull xhieda prodotta mill-partijiet dwar l-allegazzjoni u vantazzjoni ta' titolu fuq l-istess oggetti ma ghandu ebda rilevanza ghall-kawza odjerna, ghaliex dak li ser jigi deciz f'din il-kawza hija biss il-kwistjoni ta' pussess u allegata turbazzjoni tieghu mill-konvenuti u xejn izjed.

Illi din hija ta' partikolari mportanza ghall-attur, li huwa stess istitwixxa l-azzjoni possessorja ta' spoll, u allura kien suppost jaf jew dirett li jkun jaf x'tip ta' azzjoni ntavola, u ghalhekk huwa iktar serju n-nuqqas tieghu, li nsista li jressaq diversi xhieda sabiex jixdhu bl-affidavit dwar l-allegat titolu li ghandu fuq l-istess oggetti, meta f'kawza simili possessorja, dan huwa ghal kollox projbit, u l-Qorti stess hija tenuta u obbligata sabiex tezamina biss l-att ta'

pussess u l-att ta' l-allegat spoll u xejn izjed. Ovvjament dan japplika wkoll ghall-konvenuti, hlief li huma jistghu jghidu li huma biss irrispondew ghall-provi imressqa mill-attur, pero' *nonostante* dan kollu r-regola hija l-istess ghal kulhadd, u jekk l-attur ma ghandux iressaq provi fuq dak li huwa petitorju, l-istess l-konvenut ma jistax jiddefendi l-kawza ta' spoll, ghaliex isostni li huwa proprjetarju jew ko-proprjetarju tal-istess oggett mertu tal-ispoll, ghaliex ukoll kemm il-darba gie ritenut, li kawza ta' spoll tista' tirnexxi kemm kontra proprjetarji, w il-ligi stess taghti ezempju ta' kerrej, u anke kontra ko-proprjetarji.

Illi jidher ghalhekk li f'dan il-kaz sar abbuz bil-mod kif il-partijiet resqu l-provi taghhom bil-procedura tal-affidavit, u hawn il-Qorti terga' tirrileva mill-gdid il-bzonn li jkun hemm intervent legistlattiv ghall-mod kif jigu redatti l-affidavits mill-partijiet u x-xhieda minnhom prodotti, stante li minkejja li l-istess mezz ta' gbir ta' xhieda issa ilu sew li gie introdott fl-ordinament gudizzjarju mostrali, ghad ma hemm ebda regoli kif tali mezz ghandu jigi utilizzat sewwa, u ghall-kawza partikolari li fih jigi presentat, u dan qed jaghti lok ghall-abbuz lampanti mill-proceduri quddiem dawn il-Qrati, apparti li hafna drabi jservi sabiex ittawwal il-proceduri quddiem il-Qorti inutilment; dan apparti ic-certa leggerezza li hafna drabi sfortunatament l-istess dokument ta' xhieda jigi redatt li jitfa' iktar minn dubju wiehed dwar il-kredibilita' tal-kontenut tieghu.

Illi kwantu ghal mertu tal-kaz jirrizulta mill-provi li wara l-mewt ta' missierhom l-kontendenti u l-ahwa kollha Zammit bdew ikollhom disgwid dwar il-kontenut tar-residenza tal-genituri taghhom u l-ufficcji tal-kumpaniji taghhom f'148, Rue D'Argens, Msida, li l-parti ta' fuq tieghu ennumerata 148r, kienet ir-residenza tal-istess genituri, li fiha ghamel zmien ukoll joqghod l-attur li huwa guvni. Fil-fatt din l-istess residenza, li kif inghad tigi fis-sular ta' fuq tal-istess blokk, giet imsakkra mill-attur, sabiex il-konvenut u hutu ma jkollhomx access ghaliha, anke ghaliex ippretenda li l-oggetti kollha li biha kienet maghmra, inkluzi diversi rikkezzi, kif jidher mir-ritratti esebiti, u wkoll mill-lista ta' oggetti li esebixxa l-istess attur, u fil-fatt huwa fis-16 ta' Marzu 1998 beda jgorr l-istess oggetti ghar-residenza tieghu Hal Lija u fejn kellu diversi persuni jghinuh inkluz Charles Borg, Pierre Conti, Charlotte Domenici, u ohtu Elena Zammit u Ann Darmanin, kif ammess fl-affidavit tieghu a fol. 39 tal-process.

Illi l-konvenuti Victor u Joseph Zammit, ghaliex huma min-naha l-ohra flimkien ma huthom l-ohra jippretendu li l-istess oggetti li kienu fir-residenza tal-genituri taghhom, u l-oggetti l-ohra li kienu fl-ufficini tal-istess socjeta` fil-pjan ta' taht l-istess residenza, fil-kuridur u wkoll fl-indana u t-tarag tal-istess kumpless, kienu wkoll proprjeta' taghhom jew ahjar proprjeta' tas-socjeta` Mira Motors Limited, proprjetarja tal-istess bini, u tas-socjetajiet formanti parti minn Zammit Group of Companies, li l-istess kontendenti huma azzjonisti taghhom, sabiex jevitaw lill-attur milli jiehu wkoll l-istess

oggetti li kienu fl-istess postijiet u ufficini tas-socjeta``, qabdu u hadu l-istess oggetti kollha elenkati li kienu fl-*istess ufficcini, boardroom*, kuridur u tarag u indana tal-istess ufficini, inkluz ghalhekk dak indikat fl-access mizmum minn din il-Qorti, u haduhom ghand huthom George u Michael, u dan kollu sar bejn it-23 u 24 ta' Marzu 1998, u minbarra dan imbarraw il-bieb ta' barra tal-istess fond. Dan huwa kollu kemm huwa ammess mill-istess konvenuti, kemm fl-affidavi taghhom u kemm fix-xhieda quddiem din il-Qorti, u fil-fatt dan jikkostitwixxi bla ebda dubju att ta' spoll fil-konfront tal-attur, li rrizulta li dejjem kellu access ghall-istess blokk, ufficini u ambjenti ohra tal-istess blokk u dak kollu li kien hemm fih, inkluzi l-oggetti mehuda mill-konvenuti.

Illi huwa ovvju li jekk l-konvenuti jippretendu xi dritt fuq l-istess oggetti huma kellhom jaghmlu rikors lejn il-Qrati, anke sabiex jinibixxu lill-istess attur milli jkompli jiehu l-oggetti li kien ghad fadal fl-istess post, u setghu agixxew gudizzjarjament sabiex l-attur jirritorna l-oggetti li indubjament ha mill-parti residenzjali tal-istess fond, pero' qatt ma setghu jiehdu l-ligi f'idejhom u jaghmlu bhal l-attur u zzarmaw l-istess ufficini u l-ambjenti l-ohra tal-istess korp ta' bini, li taghhom l-attur bhala konvenuti kellu access, ghaliex b'hekk l-istess konvenuti gew li kkomettew spoll fuq l-istess ambjenti u oggetti, u hawn il-qorti qed tirreferi ghall-oggetti kollha elenkati fil-lista esebita mill-attur li kienu fil-*main boardroom, father's office, director's office/boardroom, corridor,* a fol. 241, u 242 tal-process, u

anke il-panewiet ta' t-12-il xahar tas-sena, vaska u mera kbira indikati fl-access tal-14 ta' Frar 2001, apparti l-iskrivanija antika u l-erba' *frames* ovali u xi materjal indikati kemm fl-access u kemm fil-lista bhala *ex office/storeroom.*

Il-Qorti f'dan l-istadju tirreferi ghas-sentenzi "**Joseph Baldacchino vs Emanuel Falzon Fava**" (App. – 22-4-1988) u "**Farrugia Gay vs Testaferrata Viani**" (26-1-1892 – App. Vol. VI pgs 80-83) u tirrileva illi fis-sentenzi tal-Qorti tal-Appell, "**Il-Prokuratur Legali Anthony Buhagiar vs Mikiel Farrugia**" (11-11-1997), il-Qorti qalet illi:-

"*Il-ligi taghna hija, a differenza ta' ligijiet ohra kontinentali, tali li tittutela l-pussess kontra kull spoll minghajr il-htiega tal-prova li l-ispoll ikun sar bl-intenzjoni specifika maghrufa bhala 'animo spoliandi'.*"

Illi fid-decizjoni **"C. Fino & Sons Limited vs Marketing & Consultancy Limited"** (P.A. (RCP) ta' Lulju 1999) inghad li *"ghall-grazzja tal-argument u bla pregudizzju ghall-fatt li l-att innifsu huwa turija cara tal-intendiment u l-animus ta' min esegwih, u ma ghandux bzonn ebda spjegazzjoni ulterjuri, la darba tali fatt in ezami serviet sabiex ostakolat il-liberu access u naqqset il-pussess li s-socjeta` attrici kellha tal-istess passagg u/jew entrata tal-fond de quo. Kwalunkwe motiv iehor huwa superflu ghall-azzjoni giudizzjarja ta' spoll".*

Illi fil-fatt l-istess gie kkonfermat fis-sentenza fl-ismijiet **"Dimitry Orlov vs Edward Pavia et"** (A.C. 14 ta' Jannar 2002 (JSP-CAA-JDC)) u **"Tereza Cachia vs Joseph Caruana"** (P.A. (RCP) 28 ta' Frar 2002) u **"Rosario Cutajar vs Emanuel sive Leli Gatt"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002) fejn gew reaffermati l-istess principji li l-*"azzjoni ta' spoll tinteressa ruhha biss fl-att spoljattiv ut sic u dan in konformita' mal-principju li hadd ma jista' jiehu l-ligi b'idejh, anke minn jippretendi li ghandu dritt, u huwa immaterjali li jkun hemm konvenzjoni dwar* l-*istess, stante li l-azjoni ta' spoll ma hijiex ibbazata fuq relazzjoni guridika kontrattwali izda ex delicto, u fl-ahharnett sostniet li l-animus spoliandi mhux necesarju li jigi pruvat sabiex tirnexxi l-azzjoni ta' spoll, anke ghaliex tali att spoljattiv fih innifsu huwa bizzejjed, u l-att spoljattiv isehh jekk dan l-att isir kontra l-volonta' tal-attur fil-kawza."*

Illi xejn ma josta ghall-konvenuti li l-istess oggetti kollha u ambjenti fuq indikati kienu kollha fil-pussess tal-kontendenti, inkluz il-konvenuti, ghaliex l-konvenuti kellhom access liberu ghall-istess oggetti, ghaliex kawza ta' spoll tista' tirnexxi anke kontra ko-possessuri, u l-azzjoni attrici qed tigi accettata anke jekk l-istess attur ma kellux pussess esklussiv tal-istess oggetti, tant li dawn kienu qed jigu gawduti mill-istess konvenuti, huthom u mis-socjeta` konvenuta.

Illi ghalhekk ma hemm ebda dubju kwalunkwe li l-att spoljattiv innifsu sar ukoll a detriment tal-istess attur, stante

li l-istess attur gie pprivat mill-pussess anke jekk mhux esklussiv tal-istess oggetti fuq indikati u wkoll mill-pussess tal-imsemmija ambjenti ndikati fic-citazzjoni ghalkemm jidher li llum l-istess attur ghandu access ghall-istess korp ta' bini, ghalkemm mhux ghall-ambjenti kollha fejn hemm l-istess ufficcini tas-socjeta` jew socjetajiet *de quo,* u ghalhekk f'dan il-kaz l-istess attur ghandu jinghata cavetta ghall-istess ambjenti kollha.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha fil-konfront tal-konvenuti kollha, li kienu wkoll diretturi tas-socjeta` konvenuta, kif fuq inghad kemm dwar l-istess ambjenti fil-fond 148, Rue D'Argens Msida, u kemm dwar l-istess oggetti fuq elenkati ghandhom jigu ritornati fl-istess fond indikat kif kienu mill-konvenuti, u dan dejjem limitament ghal dak li huwa l-mertu tal-kawza dwar pussess u spoll.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara l-konvenuti hatja talli kkommettew spoll klandestin u vjolenti a dannu ta' l-attur meta spussessaw l-attur mit-tgawdija tal-fondi in kwistjoni kif ukoll tal-effetti tieghu li kien hemm fl-istess fondi.

2. Tikkundanna lill-konvenuti jirreintegraw lill-attur fil-pussess tal-fondi in kwistjoni u dan billi jghaddu cavetta tal-ambjenti kollha tal-istess korp ta' bini lill-attur u li jnehhu kull ostakolu ghall-istess access ghall-imsemmija ambjenti u dan taht id-direzzjoni tal-Perit Arkitett Valerio Schembri li qed jigi nominat ghal dan l-iskop u dan fi z-zmien qasir u perentorju ta' sittin (60) gurnata mid-data ta' din is-sentenza.

3. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex jaghmlu a spejjez taghhom dawk ix- xoghlijiet u dak kollu necessarju sabiex l-oggetti elenkati fil-lista esebita mill-attur a fol. 241 u 242 tal-process bhala fil-*main boardroom, father's office, director's office/boardroom, corridor,* u *ex office/storeroom.* u anke il-panewiet ta' t-12-il xahar tas-sena, vaska u mera kbira indikati fl-access tal-14 ta' Frar 2001, apparti l-iskrivanija antika indikata fl-istess access jigu re-integrati fl-istat prestinu taghhom u dawn billi jigu ritornati fl-ambjenti li kienu fl-istess ufficcini u fl-ambjenti l-ohra tal-fond 148, Rue D'Argens, Gzira u dan fi zmien qasir u perentorju ta' sittin (60) gurnata mid-data ta' din is-sentenza u in difett li l-konvenuti jesegwixxu dak lilhom indikat fit-tieni (2) u tielet (3) u r-raba' (4) talba attrici hawn milqugha tawtorizza lill-istess attur jaghmel dawn ix-xoghlijiet huwa stess, dejjem a spejjez tal-konvenuti, taht id-direzzjoni u supervizzjoni tal-Arkitett Valerio Schembri, a spejjez wkoll tal-istess konvenuti.

4. Tikkundanna lill-konvenuti jirritornaw lill-attur fi zmien qasir u perentorju ta' sittin (60) gurnata mid-data ta' din is-sentenza, u kif indikat fit-tielet (3) talba hekk milqugha b'din is-sentenza, l-oggetti kollha mobbli elenkati fil-lista esebita mill-attur a fol. 241 u 242 tal-process bhala li qeghdin fil-*main boardroom, father's office, director's office/boardroom, corridor,* u *ex office/storeroom,* u anke il-panewiet ta' t-12-il xahar tas-sena, vaska u mera kbira indikati fl-access tal-14 ta' Frar 2001, apparti l-iskrivanija antika ndikata fl-istess access, kif fuq elenkata anke f'din is-sentenza.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**30 ta' Mejju 2002**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**30 ta' Mejju 2002**